MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 875/1974/2

**Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita` taghhom ta' Diretturi ta' "Pabros Ltd." in rapprezentanza ta' l-istess**

**v.**

**Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana, u Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici**

**Il-Qorti:**
**<u>PRELIMINARI</u>**
1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Frar 2004, fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie deciz li gej:-

**“Il-Qorti,**

**“L-ATT TAC-CITAZZJONI**

“Fl-20 ta’ Settembru 1974, Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita’ taghhom ta’ Diretturi tas-socjeta’ Pabros Limited u in rapprezentanza tal-istess harrku lill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana u l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u ppremettew illi:

“Peress illi permezz ta’ Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617 mahruga fil-11 ta’ Settembru 1974 taht il-Banking Act 1970 (Gazzetta tal-Gvern nurmu 12999) il-pubbliku gie avzat illi l-Onor. Ministru konvenut ordna illi l-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici jkollu s-setghat, l-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija “Pabros Ltd”, bl-eskluzjoni ta’ kull persuna ohra, u illi dan l-Avukat ghandu jirrealizza l-attiv tal-istess kumpanija ;

“U peress li l-artikolu 18 (3) (b) tal-Att jghid illi meta persuna tigi nominata skond il-paragrafu (c) jew (d) tal-artikolu 18 (1), din il-persuna jkollha dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet li l-Ministru jista’ jordna dwar dik il-proprjeta’ u dawk is-socjetajiet ditti jew kummerc iehor

“(a) kif il-Ministru jista’ jispecifika, u

“(b) li fihom il-Bank ikollu interess, sew direttamet sew indirettament, inkluz kull interess etc. ;

“U peress (sic) l-artikolu 18 (3) (c) jghid li l-persuna nominata skond xi wiehed mill-imsemmija paragrafu (sic) jkollha s-setgha li tehtieg lil kull persuna ohra biex tipprovdiha b’dawk il-facilitajiet tal-istess inciz jispecifika ;

“U peress li skond l-artikolu 18 (1) jekk ikun jidher lill-Ministru tal-Finanzi illi Bank ikun qed imexxi hazin, il-Ministru jista’ :

“(a) taht is-subartikolu (c) jinnomina persuna biex tiehu f’idejha l-attiv tal-Bank ;

“(b) taht is-subartikolu (d) jinnomina persuna biex tiehu f’idejha l-kontroll tal-kummerc tal-Bank ;

“U peress li n-Notifikazzjoni msemmija ghalkemm tghid li l-ordni gie moghti skond l-artikolu 18 tal-Att imsemmi, cioe’, wiehed ghandu jifhem, in konnessjoni ma’ xi Bank, ma tghidx liema Bank hu involut ;

“U peress li l-istess Notifikazzjoni tghid biss li l-ordni qed tigi moghtija lill-konvenut Dr. Mifsud Bonnici, cioe’ fil-kwalita’ tieghu personali, u ma tghidx li l-ordni giet lilu moghtija bhala xi persuna nominata ghall-finijiet tal-artikolu 18 (1) (c) jew (d) tal-Att imsemmi;

“U peress li l-istess Notifikazzjoni ma tghidx li din l-ordni giet moghtija ghaliex hemm xi Bank li ghandu interess f’Pabros Ltd ;

“U peress li, ghal dawn ir-ragunijiet, in-Notifikazzjoni imsemmija ma tissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex hi nieqsa minnha nfisha minn dawk ir-rekwiziti li jawtorizzaw lill-Onor. Ministru johrog ordni simili ghal dak li hareg ;
“Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi :-

“1. In-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617 tal-1974 fuq imsemmija hija nieqsa minn rekwiziti essenzjali skond il-ligi ;

“2. Per konsegwenza, l-ordni moghtija lill-konvenut Dr. Mifsud Bonnici fl-istess Notifikazzjoni hija inneffikaci, nulla u bla ebda effett, u

“Jghid il-konvenut Dr. Mifsud Bonnici ghaliex hu m’ghandux jigi minn din il-Qorti inibit milli jezercita kwalunkwe setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lid-ditta instanti.

“B’rizerva ta’ kull azzjoni ghad-danni kontra l-konvenuti solidalment bejniethom, u ta kull azzjoni ohra, anke ta’ natura kostituzzjonali.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.”

**<u>“ECCEZZJONIJIET</u>**

“Il-konvenut Ministru tal-Finanzi u Dwana eccepixxa (fol 6):

“Illi l-atturi ma kellhomx rapprezentanza tas-socjeta’ attrici Pabros Ltd;

“In-nomina maghmula mid-direttiva moghtija mill-eccipjent kienu validi skond il-ligi;

“Illi n-notifikazzjoni tal-Gvern imsemmija fic-citazzjoni ma kinitx rikjesta bhala formalita’ ghall-validita’ tan-nomina tal-Avukat Mifsud Bonnici u konsegwentement id-domanda (sic) attrici kellhom jigu michuda.

“Minn naha tieghu, l-konvenut Avukat Carmelo Mifsud Bonnici eccepixxa (ara fol. 8):

“Preliminarjament illi l-istess Carmelo Farrugia u Malcolm Pace ma kellhomx ir-rapprezentanza tas-socjeta’ attrici peress li din kienet issa vestita fih u peress illi huma ma kienux gew nominati diretturi regolarment.

“Minghajr pregudizzju ghal dan, in-nomina u direttiva ministerjali tal-11 ta’ Settembru 1974 kienet valida u skond il-ligi.

“Illi n-notifikazzjoni de quo hija regolari u f’kull kaz din kienet indipendenti mill-validita’ tan-nomina u direttiva ministerjali.

“Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-11 ta’ April 1975 a fol 19.

“Rat il-verbal a fol 151;

“Rat id-decizjoni tas-6 ta’ Lulju, 1990 a fol. 153;

“Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Gunju 2001 a fol 217;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Semghet lil Dr. M. Pace jittratta;

“Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**“KONSIDERAZZJONIJIET**

“Illi fid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell tal-11 ta’ April, 1975 a fol. 19, dika l-Qorti kienet qalet li l-mertu ta’ dina l-kawza hu inxindibbli mill-kwistjoni tar-rappresentanza, b’mod li d-decizjoni tieghu, bil-fors taffettwa l-locus standi ta’ l-atturi (ara fol. 24). Qalet ghalhekk li minghajr dana ma jistax jigi deciz jekk l-atturi gewx ezawtorati milli jidhru ghall-Pabros Ltd. Dan dejjem b’riferenza ghal l-ewwel raguni li tah il-konvenut Dr.Karmenu Mifsud Bonnici fl-eccezzjoni tieghu.

“Illi dina l-Qorti ghalhekk ghandha tiddeciedi fuq il-validita` jew necessita` tan-notifikazzjoni u wkoll, f’kap separat, fuq l-ewwel eccezzjoni dwar l-illeggittimita’ tal-persuna.

“Permezz ta’ din il-kawza l-atturi Malcolm Pace u Carmelo Farrugia fil-kwalita' taghhom ta’ diretturi ta’ Pabros Limited u fl-interess tal-istess Pabros Limited qed jitolbu li n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617 tal-1974 mahruga fil-11 ta’ Settembru 1974 ( dok a fol. 244 tal-process) tigi dikjarata li hija nieqsa mir-rekwiziti essenzjali skond il-ligi u li per konsegwenza, l-ordni moghtija lill-konvenut l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici fl-istess notifikazzjoni hija nulla u bla effett. L-atturi ghalhekk talbu li l-konvenut L-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici jigi inibit milli jezercita kull setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lis-socjeta’ attrici Pabros Limited.

“Permezz ta’ Ordni Ministerjali datata 11 ta’ Settembru 1974 (a fol. 7 tal-process) il-konvenut Ministru tal-Finanzi

u Dwana ai termini tal-poteri lilu moghtija bl-Artikolu 18 tal-Att Dwar il-Kummerc Bankarju 1970 appunta lill-konvenut l-iehor l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici sabiex jassumi kontroll tal-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited “*and to carry on the business of the said bank and also to take charge of the assets of the said bank*...”.. Fl-imsemmi ordni jinghad ukoll is-segwenti:-

““*And whereas the said Bank has an interest in Pabros Limited.*

*“Now pursuant to and in virtue of the powers vested in me under the said section 18 and after consultation with the Central Bank of Malta, and subject to such further directions and powers as I may give, I hereby direct that the said Dr. Carmelo Mifsud Bonnici shall have all the powers, functions and duties of the said Pabros Limited whether exercisable by the company in general meeting or by the board of directors or by any other person, including the legal and juridical representation of the company, and that any such powers, functions or duties shall be exercisable by and vest in the said Dr. Carmelo Mifsud Bonnici to the exclusion of any other person*”.

“Kif diga’ ntqal aktar il-fuq l-atturi fil-kwalita’ taghom ta’ diretturi ta’ Pabros Limited jsostnu li n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617 hija nieqsa mir-rekwiziti essenzjali rikjesti mill-ligi ghas-segwenti ragunijiet:-

“Ghalkemm in-Notifikazzjoni tghid li l-ordni mahrug mill-Ministru gie moghti skond l-Artikolu 18 tal-Banking Act 1970, tali notifikazzjoni ma ssemmiex in konnessjoni ma’ liema Bank giet moghtija l-ordni. In-Notifikazzjoni tghid biss li l-ordni giet moghtija lill-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici minghajr ma tghid li l-ordni giet moghtija lilu bhala persuna nominata ghall-finijiet tal-Artikolu 18(1(c) jew (d) tal-Banking Act 1970 u dan ifisser li l-ordni giet moghtija lilu fil-kwalita’ tieghu personali. In-notifikazzjoni ma tghidx li din l-ordni giet moghtija ghaliex hemm xi Bank li ghandu nteress f’Pabros Limited.

“Il-konvenut L-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana eccepixxa li Carmelo Farrugia u Malcolm Pace m’ghandhomx ir-rapprezentanza ta’ Pabros Limited filwaqt li l-konvenut l-iehor Dr. Carmelo Mifsud Bonnici eccepixxa preliminarjament li Carmel Farrugia u Malcolm Pace m’ghandhomx ir-rapprezentanza ta’ Pabros Limited peress li din hija vestita fl-istess Dr. Carmelo Mifsud Bonnici u anki peress li huma ma kienux nominati diretturi regolarment.

“Jirrizulta li din l-eccezzjoni giet sollevata miz-zewg konvenuti stante li l-ordni moghtija mill-Ministru fil-11 ta’ Settembru 1974, kif citata testwalment aktar il-fuq, tispecifika li l-poteri u l-funzjonijiet moghtija lill-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, fost liema kien hemm ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta’, “*shall be exercisable by and vest in the said Dr. Carmelo Mifsud Bonnici to the exclusion of any other person*”.

“Dan ifisser li Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita’ taghhom ta’ direttur tal-imsemmija Pabros Limited ma setghux jintavolaw l-azzjoni odjerna fl-interess ta’ Pabros Limited stante li ai termini tal-ordni ministerjali kien biss l-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici li kellu r-rapprezentanza guridika tal-imsemmija socjeta’ u li kwindi seta’ jintavola tali azzjoni.

“In vista ta’ dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta’ April 1975, u tal-fatt li kif ser jinghad aktar ’l isfel, il-Qorti jidrilha li l-atturi m’ghandhomx ragun fil-mertu, ikun inutili li din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti tigi trattata ulterjorment f’dan l-istadju.

“L-ordni ministerjali tal-11 ta’ Settembru 1974 inghatat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Att Dwar il-Kummerc Bankarju 1970. L-Artikolu 18 (1) kien jistabbilixxi (ghaliex dan l-Artikolu gie abrogat u l-Att Dwar il-Kummerc Bankarju gie emendat estensivament tul it-tletin sena kemm ilha pendenti l-kawza odjerna) li jekk ikun jidher lill-Ministru tal-Finanzi illi Bank ikun qed imexxi hazin, il-Ministru jista’:

“Taht is-subartikolu (c) jinnomina persuna biex tiehu f’idejha l-attiv tal-Bank;

“Taht is-subartikolu (d) jinnomina persuna biex tiehu f’idejha l-kontroll tal-kummerc tal-Bank.

“L-artikolu 18(3) (b) ta’ l-Att kien jghid li meta persuna tigi nominata skond il-paragrafu (c) jew (d) tal-Artikolu 18 (1), din il-persuna ikollha dawk is-setghat, funzjonijiet u dmirijiet li l-Ministru jista’ jordna dwar kif il-proprjeta’ u dawk is-socjetajiet, ditti jew kummerc iehor kif il-Ministru jista’ jispecifika, u (2) li fihom il-bank ikollu interess, sew direttament, sew indirettament, inkluz kull interess.

“Jidher ghalhekk li l-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici inghata l-poteri msemmija fl-Ordni Ministerjali tal-11 ta’ Settembru 1974 a termini tal-Artikolu 18(3). L-atturi jirritjenu li wiehed mir-rekwiziti li hemm nieqsa fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 617/74 huwa li n-Notifikazzjoni ma ssemmiex il-Bank li kellu nteress fis-socjeta’ Pabros Limited izda ssemmi biss li l-Ordni gie moghti skond l-Artikolu 18 tal-Banking Act 1970.

“Huwa minnu li n-Notifikazzjoni tal-Gvern issemmi biss li l-Ordni gie moghti ai termini tal-Artikolu 18 tal-Att Dwar il-Kummerc Bankarju izda jekk wiehed jaghmel referenza ghall-Ordni Ministerjali nnifsu (a fol. 7) isib li fl-Ordni hemm indikat specifikatament li l-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited kellu interess f’Pabros Limited.

“Ma giex pruvat li l-Att dwar il-Kummerc Bankarju kien jirrikjedi ‘ad validatem’ li l-Ordni Ministerjali jigi notifikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Ghalhekk anki kieku kellu jigi ritenut li n-nuqqas ta’ ndikazzjoni ta’ l-isem tal-Bank fin-Notifikazzjoni kien jikkomporta n-nullita’ ta’ tali Notifikazzjoni dan ma jfissirx li tali nullita’ kienet iggib maghha wkoll in-nullita’ tal-Ordni Ministerjali.

“Inoltre n-Notifikazzjoni tispecifika li l-Ordni kienet inghatat a tenur tal-Artikolu 18 tal-Att Dwar il-Kummerc Bankarju 1970 u l-Qorti jidrilha li ma kienx mehtieg li jigi ndikat ukoll

is-sub-inciz tal-Artikolu 18 ghaliex mid-dicitura tan-Notifikazzjoni kien jirrizulta ampjament liema poteri kien qed jezercita il-konvenut Ministru tal-Finanzi u Dwana meta hareg l-Ordni Ministerjali tal-11 ta' Settembru 1974.

"Dan jinghad ukoll anki in konnessjoni mat-tieni u t-tielet rekwiziti li skond l-atturi kienu rikjesti mill-ligi '*ad validatem'* tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617. Mill-Ordni Ministerjali tal-11 ta' Settembru 1970 fil-fatt jirrizulta inekwivokabilment li l-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici kien qed jigi nominat sabiex jiehu kontroll tas-socjeta' Pabros Limited a tenur ta' l-Artikolu 18 u bhala konsegwenza ta' l-Ordni moghtija taht l-istess Artikolu in kwantu jirrigwarda l-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited li kellu nteress fis-socjeta' Pabros Limited. Ma kienx mehtieg li jigi specifikat li Dr. Carmelo Mifsud Bonnici kien qed jigi nominat fil-kwalita' tieghu tal-persuna nominata ghall-finijiet tal-Artikolu 18 (1) (c) u (d).

"L-atturi jallegaw li l-imsemmi Bank fil-fatt ma kellu ebda nteress fis-socjeta' Pabros Limited izda abbazi tal-principju li min jallega jrid jipprova, kien jispetta lilhom li jippruvaw dan in-nuqqas ta' nteress u huma ma ressqu ebda prova f'dan is-sens.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-mertu ghandhom jigu milqugha u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda. L-eccezzjoni preliminari dwar l-illeggittimita tal-persuna wkoll qed tigi milqugha billi ssegwi l-l-akkoljiment (sic) tal-eccezzjonijiet fil-mertu kif spjegat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a fol 19 u dana stante li kien biss il-konvenut Dr. Karmenu Mifsud Bonnici li kien vestit bir-rappresentanza ta' Pabros Ltd ad eskluzzjoni ta' kull persuna ohra.

**"DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom."

**L-APPELL TA' L-ATTURI NOMINE**

2. L-atturi Carmelo Farrugia u Dottor Malcolm Pace fil-kwalita` taghhom ta' Diretturi ta' "Pabros Ltd." u in rapprezentanza ta' l-istess hassewhom aggravati b'din is-sentenza u minnha interponew appell quddiem din il-Qorti ghal fini tar-revoka ta' l-istess sentenza bl-akkoljiment tat-talbiet attrici u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti appellati.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT APPELLAT ONOREVOLI MINISTRU TAL-FINANZI**

3.1 Il-konvenut Onorevoli Ministru tal-Finanzi wiegeb li l-appell ta' l-attur huwa bla bazi legali u ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

3.2 Fir-rigward tar-risposta ta' dan l-appellat, tajjeb li jigi osservat li assolutament ma kien hemm ebda htiega ghall-konvenut li joqghod jinkludi wkoll kelma b'kelma dak kollu li hemm riportat fl-atti tal-process riferibbilment ghall-att ta' citazzjoni u l-eccezzjonijiet li nghataw. Kien ikun bizzejjed ghall-appellat li jillimita ruhu ghal dak li ried iwiegeb ghall-aggravji sollevati mill-atturi u jevita ripetizzjonijiet inutli li jservu biex ihaxxnu process li issa ilu sejjer aktar minn kwart ta' seklu.

4. Il-konvenut Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, debitament notifikat bir-rikors ta' appell, ghazel li ma jwegibx formalment ghall-appell interpost mill-kontroparti attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-atturi qeghdin jibbazaw l-appell taghhom fuq numru ta' aggravji li jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

(i) illi biex nomina bhax-xorta mahruga mill-Ministru responsabbli jkollha effett fil-konfront ta' terzi tinhtieg li tkun ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern biex kulhadd ikun edott minnha. Fil-kaz in ezami n-nomina ggib id-data tal-11 ta' Settembru 1974, (Dok. A, fol. 7) filwaqt li l-pubblikazzjoni tan-nomina saret fil-Gazzetta tal-Gvern fl-istess jum. Hu evidenti, isostnu l-atturi, li n-nomina *de quo* saret wara li giet intavolata u notifikata l-kawza odjerna lill-konvenuti. Ezami tad-dicitura riportata fin-nomina hekk ukoll tindika;

(ii) illi n-notifikazzjoni maghmula fil-Gazzetta tal-Gvern ma tissodisfax il-vot tal-ligi billi hija monka "ghaliex hi nieqsa minnha nnifisha minn dawk ir-rekwiziti li jawtorizzaw lill-Onorevoli Ministru johrog ordni simili ..... u per konsegwenza hija inneffikaci, nulla u bla effett";

(iii) illi l-prova li l-Bank imsemmi fil-kors tal-kawza kellu wkoll interessi fis-socjeta` Pabros Ltd. kienet tispetta lill-konvenuti appellati u mhux lill-atturi nomine. Fil-fatt l-atturi nomine kkonfermaw li l-Bank ma kellu l-ebda interess fis-socjeta` in kwistjoni jigifieri f'Pabros Ltd., u x-xiehda moghtija minnhom ma gietx kontradetta mill-konvenuti.

6. Irrizulta mill-provi li l-azzjoni attrici skattat in konsegwenza ta' ordni mahruga mill-allura Ministru tal-Finanzi u Dwana taht il-Banking Act tal-1970, illum estensivament emendat, u specifikatament ordni mahruga taht id-dispositiv kontenut fl-Artikolu 18 ta' l-Att illi kien jghid hekk fl-incizi u sub-incizi li jaffettwaw il-meritu ta' din il-vertenza:-
"**18(1)** Jekk, minn xi rapport maghmul skond l-Artikolu 16 ta' dan l-Att, ikun jidher lill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali, illi l-bank ikun qed imexxi l-kummerc tieghu b'mod li jaghmel hsara lill-interessi tad-depozitanti jew tal-kredituri tieghu, jew illi ghandu attiv insufficjenti biex ikopri l-passiv tieghu favur il-pubbliku, jew illi jkun qed jikser xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew jekk bank jinforma lill-Ministru illi jqis li x'aktarx ma jkunx jista' jonora l-obbligi tieghu jew li jkun ser jissospendi l-pagamenti, jew jekk bank ma jkunx jista' jonora l-obbligi tieghu jew jekk jissospendi l-pagamenti, il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali, jipprocedi b'xi wiehed jew izjed mill-modi li gejjin:-

-omissis-

(b) jinnomina persuna biex taghti parir lill-bank dwar it-tmexxija xierqa tal-kummerc tieghu;

(c) jinnomina persuna biex tiehu f'idejha l-attiv tal-bank jew xi parti minnu sabiex jigu salvagwardati l-interessi tad-depozitanti, tal-kredituri u ta' l-azzjonisti tal-bank;

(d) jinnomina persuna biex tassumi l-kontroll u tmexxi l-kummerc tal-bank;

-omissis-

(2) Meta persuna tkun nominata mill-Ministru skond il-paragrafu (c) jew il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) ta' dan l-Artikolu-

(a) jekk tkun nominata skond il-paragrafu (c) il-bank ghandu jikkonsenjalha l-attiv kollu li ghandha tiehu f'idejha u s-setghat kollha tal-bank relattivi ghal dak l-attiv ikunu ezercitabbli minnha bl-ezekuzzjoni tal-bank;

(b) jekk tkun nominata skond il-paragrafu (d), il-bank ghandu jissottometti n-negozju tieghu ghall-kontroll taghha u ghandu jipprovdiha b'dawk il-facilitajiet kif tista' tehtieg biex tmexxi n-negozju ta' dak il-bank."

7. Ghandu jigi mill-ewwel osservat li f'ebda parti ta' l-Artikolu 18 tal-Att V tal-1970, a differenza ta' Artikoli ohrajn kif ser jinghad, ma tissemma' espressament il-htiega ta' pubblikazzjoni ta' l-ordni ministerjali, fil-kaz idoneju, fil-Gazzetta tal-Gvern jew xort'ohra.

8. L-atturi appellanti m'humiex jimpunjaw "ut sic" il-ligi tal-1970 surreferita. Lanqas ma huma jimpunjaw l-ordni ministerjali mahruga taht il-Banking Act, 1970 imma qeghdin invece jintentaw li jimpunjaw, tramite dikjarazzjoni ta' nullita` mill-Qorti, in-notifikazzjoni numru 617 ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern numru 12999 tal-11 ta' Settembru 1974 (ara Dok. A, a fol. 244 tal-process). Dan ghaliex, isostnu l-atturi, tali "notifikazzjoni" (sic) kienet nieqsa mir-rekwiziti essenzjali rikjesti mil-ligi, bil-konsegwenza li l-hatra ta' l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici in forza ta' l-ordni ministerjali hija wkoll nulla u li ghalhekk dak kollu relatat maghha huwa null u bla effett. L-atturi ghalhekk talbu li l-konvenut appellat Dottor Mifsud

Bonnici jigi inibit milli jezercita kull setgha, funzjoni jew dmir li jappartjeni lilhom.

9. L-Ordni Ministerjali (indikata wkoll bhala Dok. A, a fol. 7 tal-process) inharget bl-Ingliz u kienet tghid hekk,
“**Banking Act 1970**

“Whereas I have appointed Dr. Carmelo Mifsud Bonnici B.A. LL.D, to assume control of the Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited and to carry on the business of the said bank and also to take charge of the assets of the said bank in accordance with the provisions of section 18 of the Banking Act 1970;

“And whereas the said Bank has an interest in Pabros Limited;

“Now pursuant to and in virtue of the powers vested in me under the said section 18 and after consultation with the Central Bank of Malta, and subject to such further directions and powers as I may give, I hereby direct that the said Dr. Carmelo Mifsud Bonnici shall have all the powers, functions or duties of the said Pabros Limited whether exercisable by the company in general meeting or by the board of directors or by any other person, including the legal and judicial representation of the company, and that any such powers, functions and duties shall be exercisable by and vest in the said Dr. Carmelo Mifsud Bonnici to the exclusion of any other person.

“I further direct that the said Dr. Carmelo Mifsud Bonnici shall realize the assets of Pabros Limited and shall keep the funds so realized in such profitable manner as may be appropriate in the circumstances with a view to eventual payment or distribution of those funds according to law.”

L-ordni hija ffirmata mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana u ggib id-data tal-11 ta’ Settembru, 1974.

10. Din il-Qorti rriproduciet testwalment il-kontenut ta’ din l-Ordni Ministerjali ghar-raguni li minkejja li l-atturi nomine

m’humiex ifittxu li jimpunjawha, xorta wahda dehrilhom opportun illi fir-rikors ta’ appell jissottomettu hekk:
“Jidher car f’dan il-kaz, illi l-ewwel kienet saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u sussegwentement, wara illi l-konvenuti gew notifikati bic-citazzjoni odjerna huma pprezentaw flimkien man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom “kopja fotostatika” ta’ ’l hekk imsejha nomina li giet iffabbrikata b’tali mod u manjiera li ssodd it-toqob li kien hemm fin-nomina originali u din giet konsegwentment “backdated” sabiex iggib id-data tal-11 ta’ Settembru, 1974.”

Peress li n-notifika li giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ma kenitx tirrapporta dak kollu li deher fl-Ordni Ministerjali, anzi kien hemm certi dettalji neqsin minn kif hemm invece fl-Ordni Ministerjali; u peress ukoll li l-atturi kienu fil-frattemp, jigifieri fid-data tal-20 ta’ Settembru 1974, intavolaw ic-citatazzjoni taghhom, l-atturi waslu ghall-konkluzjonijiet li l-Ordni Ministerjali kienet “giet iffabbrikata b’tali mod u manjiera li ssodd it-toqob li kien hemm fin-nomina originali”. Mhux hekk biss imma sahansitra jakkuzaw lill-Ezekuttiv b’att frawdolent billi jzidu li tali “fabbrikazzjoni” fir-rigward ta’ l-Ordni Ministerjali “giet konvenjentement ‘backdated’ sabiex iggib id-data tal-11 ta’ Settembru 1974”. Evidentement dawn l-akkuzi fil-konfront tal-Ministru responsabbli rivolti min-naha ta’ l-atturi nomine huma ta’ natura serjissima. Minkejja dan pero`, l-atturi nomine ma dehrilhomx opportun li jimpunjaw fl-ewwel lok din l-Ordni Ministerjali. Per konsegwenza, din il-Qorti trid necessarjament timxi fuq il-premessa li tali Ordni Ministerjali kienet wahda valida mill-bidunett. Mhux bizzejjed li in sostenn tat-tezi taghhom l-atturi nomine jaghmlu asserzjonijiet gratwiti bhal “Dak iz-zmien saru hafna affarijiet simili, kif jaf kulhadd.” Bil-fatt biss li dak li deher fil-Gazzetta tal-Gvern bhala notifikazzjoni ma kienx jaqbel f’kollox ma’ dak kontenut fl-ordni ministerjali ma jikkostitwixxix prova li l-ordni ministerjali “giet iffabbrikata” jew li saret wara li giet intavolata din il-kawza (“giet konsegwentement back-dated”).

11. Kif diga` nghad, il-mertu proprju tal-vertenza jirrigwarda l-avviz numru 617 (denominat bhala

"notifikazzjoni" mill-parti appellanti) mitbugh fil-Gazzetta tal-Gvern (ara Dok. GG, a fol. 244 tal-process) in data tal-11 ta' Settembru, 1974. Dan l-avviz kien jghid testwalment hekk,

"**Att tal-1970 Dwar il-Kummerc Bankarju.**

"Ngharrfu b'din ghall-informazzjoni ta' kulhadd illi, skond l-Artikolu 18 ta' l-Att tal-1970 dwar il-Kummerc Bankarju u wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali ta' Malta u soggett ghal kull setgha u ordnijiet ohra li huwa jista' jaghti, il-Ministru tal-Finanzi u Dwana ordna lil Dott. Carmelo Mifsud Bonnici, B.A. LL.D., ikollu s-setghat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpannija msemmija hawn taht kemm ezercitabbli minn dawn il-kumpanniji f'laqgha generali kif ukoll mill-bord tad-diretturi jew minn kull persuna ohra, inkluza r-rapprezentazzjoni legali u gudizzjarja ta' l-imsemmija kumpanniji, u illi kull setghat, funzjonijiet jew dmirijiet bhal dawn ikunu ezercitabbli minn u jkunu d-dmir ta' l-imsemmi Dott. Carmelo Mifsud Bonnici, bl-eskluzjoni ta' kull persuna ohra.

"Il-Ministru tal-Finanzi u Dwana ordna wkoll illi l-imsemmi Dott. Carmelo Mifsud Bonnici, ghandu jirrealizza l-attiv ta' l-imsemmija kumpaniji u ghandu jzomm il-fondi hekk realizzati b'mod hekk profitabbli kif ikun xieraq fic-cirkostanzi bil-ghan ghal hlas jew tqassim aktar 'il quddiem ta' dawk il-fond skond il-ligi.

"Kumpaniji
"Malta and Europe Hotels Limited
"Pabros Limited
"Il-11 ta' Settembru, 1974."

12. L-atturi jissottomettu li dan l-avviz kien monk, u kwindi null u bla effett ghaliex:

(i) ma jsemmix in konnessjoni ma' liema bank giet moghtija l-ordni, jigifieri li din inghatat lill-persuna msemmija ghall-finijiet ta' l-Artikolu 18(1)(c) jew (d) ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju, 1970. Dan ifisser li l-ordni nghatat lil Dottor Carmelo Mifsud Bonnici fil-kwalita` tieghu personali;

(ii) in-“notifikazzjoni”, ossija l-avviz li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, ma tghidx li din l-ordni giet moghtija ghaliex hemm xi bank li ghandu interess f’Pabros Limited.

13. Issa, kif tajjeb gie rilevat mill-appellat Ministru tal-Finanzi fir-risposta tieghu ghar-rikors ta’ appell, dak illi proprjament kien mistenni mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana a tenur ta’ l-Artikolu 18, subincizi (c) u (d) ta’ l-Att V tal-1970 dwar il-Kummerc Bankarju kien illi huwa jinnomina l-persuna li kellha tiehu f’idejha l-attiv tal-bank jew xi parti minnu, jew biex tassumi l-kontroll u tmexxi l-kummerc tal-bank izda minn imkien ma jirrizulta li kien hemm ukoll l-obbligu fuq il-Ministru li johrog “ad validitatem” notifika fil-Gazzetta tal-Gvern dwar tali nomina. Isegwi ghalhekk hawn il-principju li ubi lex voluit dixit. Fil-fatt, b’kuntrast palezi ma’ l-Artikolu 18, l-Artikolu 22 subinciz (1) ta’ l-istess ligi insibu li gej meta jirreferi ghas-setghat ministerjali dwar self u avvanzi,
“Il-Ministru jista’, meta jidhirlu li ghandu jaghmel hekk fl-interess pubbliku, u wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali, jippreskrivi b’ordni pubblikata fil-Gazzetta (tal-Gvern)....” (sottolinear tal-Qorti).

Fil-fehma ta’ din il-Qorti bhal dik ta’ qabilha, in-nomina ministerjali *de quo* kienet temani mill-ordni ministerjali u mhux mill-avviz li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. F’dik li hija fomalita`, l-ordni ministerjali, kif emessa, tidher wahda ghal kollox korretta u ai termini ta’ l-Artikolu 18 ta’ l-Att dwar il-Kummerc Bankarju, 1970 u s-sottomissjonijiet ta’ l-atturi fis-sens li din giet iffabbrikata f’data posterjuri “biex issodd it-toqob” huma bbazati fuq meri spekulazzjonijiet u kongetturi li, in assenza ta’ provi konkreti li jinficjaw fl-ewwel lok l-ordni ministerjali tal-11 ta’ Settembru 1974 (li m’huwiex pero` l-mertu ta’ din il-kawza) ma jwasslu ghal imkien.

14. Kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, ma’ liema ragjonament din il-Qorti hija pjenament konkordi:
“Huwa minnu li n-Notifikazzjoni tal-Gvern issemmi biss li l-Ordni gie moghti ai termini ta’ l-Artikolu 18 ta’ l-Att Dwar il-Kummerc Bankarju izda jekk wiehed jaghmel referenza ghall-Ordni Ministerjali nnifsu (a fol. 7) isib li fl-Ordni

hemm indikat specifikatament li l-Bank of Industry Commece and Agriculture Limited kellu interess f'Pabros Limited.

"Ma giex pruvat li l-Att dwar il-Kummerc Bankarju kien jirrikjedi 'ad validatem' li l-Ordni Ministerjali jigi notifikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Ghalhekk anke kieku kellu jigi ritenut li n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' l-isem tal-Bank fin-Notifikazzjoni kien jikkomporta n-nullita` ta' tali Notifikazzjoni dan ma jfissirx li tali nullita` kienet iggib maghha wkoll in-nullita` ta' l-Ordni Ministerjali.

"Inoltre n-Notifikazzjoni tispecifika li l-Ordni kienet a tenur ta' l-Artikolu 18 ta' l-Att Dwar il-Kummerc Bankarju 1970 u l-Qorti jidhrilha li ma kienx mehtieg li jigi indikat ukoll is-subinciz ta' l-Artikolu 18 ghaliex mid-dicitura tan-Notifikazzjoni kien jirrizulta ampjament liema poteri kien qed jezercita l-konvenut Ministru tal-Finanzi u Dwana meta hareg l-Ordni Ministerjali tal-11 ta' Settembru, 1974.

"Dan jinghad ukoll anke in konnessjoni mat-tieni u t-tielet rekwiziti li skond l-atturi kienu rikjesti mil-ligi '*ad validatem*' tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617. Mill-Ordni Ministerjali tal-11 ta' Settembru 1970, fil-fatt jirrizulta inekwivokabilment li l-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici kien qed jigi nominat sabiex jiehu kontroll tas-socjeta` Pabros Limited a tenur ta' l-Artikolu 18 u bhala konsegwenza ta' l-Ordni moghtija taht l-istess Artikolu in kwantu jirrigwarda l-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited li kellu interess fis-socjeta` Pabros Limited. Ma kienx mehtieg li jigi specifikat li Dr. Carmelo Mifsud Bonnici kien qed jigi nominat fil-kwalita` tieghu tal-persuna nominata ghall-finijiet ta' l-Artikolu 18(1)(c) u (d)."

15. L-aggravju l-iehor dwar min ghandu jforni prova dwar li l-Bank (jigifieri l-BICAL) ma kellu l-ebda interess fis-socjeta` Pabros Limited huwa wkoll infondat. Dan ghaliex jemergi kjarament illi l-punt dwar jekk kienx hemm jew le interess jew rapporti kummercjali jew xort'ohra bejn il-Bank u s-socjeta` Pabros Limited m'ghandu x'jaqsam xejn mal-validita` legali o meno tan-Nomina Ministerjali mahruga mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana ta' dak iz-

zmien u l-avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li l-atturi appellanti intentaw jimpunjaw. Jekk verament huwa fondat dak li qeghdin jasserixxu l-atturi nomine fir-rigward tas-socjeta` Pabros Limited u l-BICAL, allura kien jispetta lilhom li jgibu dan il-pregudizzjal ghall-konsiderazzjoni tal-persuna mahtura kif fuq inghad. Fi kwalsiasi kaz, din kienet materja li ma tinkwadrax ruhha fit-talbiet attrici kif dedotti.

Ghal dawn il-motivi, l-aggravji ta' l-appellanti qeghdin jigu respinti ghaliex huma infondati.

Tiddeciedi ghalhekk billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-atturi nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------